

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijiet](#) > [Imputati \(proċeduri Kriminali\)](#) > Malta

Imputati (proċeduri kriminali)

Malta

Il-kontenut ipprovdut
minn
Malta



Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun issuspettata jew akkużata b'delitt li jiġi ttrattat fil-qorti.

Jekk inti vittma ta' delitt, tista' ssib it-tagħrif kollu dwar id-drittijiet tiegħek [hawnhekk](#).

Sommarju tal-proċess kriminali

Dejjem titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jekk titressaq taħt arrest, l-ewwel il-Qorti trid tiddeċiedi dwar jekk hemmx bażi legali biex tkompli tinżamm taħt arrest u mbagħad tgħarrfek li inti tista' titlob garanzija. Jekk ma titressaqx taħt arrest, inti tiġi notifikat bl-akkużi u bid-data meta trid tidher fil-qorti għall-ewwel smiġħ.

Hemm tliet tipi differenti ta' proċessi quddiem il-qorti kriminali skont il-gravità tal-akkużi miġjuba kontrik:

Proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati

- Taħrika quddiem il-qorti
- Każ tal-prosekuzzjoni mmexxi mill-Pulizija Eżekuttiva
- Trattazzjoni tad-difiża
- Sottomissjonijiet Finali
- Sentenza

Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara l-ġbir ta' provi

- Taħrika quddiem il-qorti
- Każ tal-prosekuzzjoni mmexxi mill-Pulizija Eżekuttiva u mill-Avukat Ġenerali
- Trattazzjoni tad-difiża
- Sottomissjonijiet finali
- Sentenza

Proċess quddiem il-qorti kriminali b'ġuri

- Eċċezzjonijiet preliminari u eċċezzjonijiet relatati mal-ammissibbiltà tal-provi
- Qari tal-att ta' akkuża
- Indirizz mill-Prosekuzzjoni
- Trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Avukat Ġenerali
- Trattazzjoni tad-difiża
- Replika mill-Prosekuzzjoni
- Kontrorreplika mid-Difiża
- Għeluq
- Verdet
- Sentenza

Detalji dwar dawn l-istadji kollha fil-proċess u dwar id-drittijiet tiegħek jistgħu jinsabu fl-iskedi informattivi. Dan it-tagħrif ma jiħux post parir legali u huwa maħsub biss bħala gwida.

Rwol tal-Kummissjoni Ewropea

Jekk jogħġbok, kun af li l-Kummissjoni Ewropea ma għandha l-ebda rwol fi proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tassistik jekk ikollok xi kwerela. F'dawn l-iskedi informattivi huwa pprovdut tagħrif dwar kif tagħmel kwerela u lil min.

Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ

[Id-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni](#)

[Id-drittijiet tiegħi matul il-proċess](#)

[Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

■ L-aħħar aġġornament: 11/08/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

1 - Id-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni

A. Jekk jien ċittadin barrani, dan jaffettwa l-investigazzjoni?

L-azzjoni kriminali tista' tinġieb kontra kull persona li twettaq reat u li l-awtoritajiet Maltin għandhom ġurisdizzjoni dwarhom. Il-proċeduri matul l-investigazzjoni huma l-istess sew fil-konfront ta' ċittadini Malta kif ukoll ta' ċittadini barranin. Minkejja dan, il-liġi tiggarrantixxi ċertu drittijiet ta' persuna li ma tkunx ċittadina jew residenti Malta, prinċipalment id-dritt ta' interpretu meta s-suspettat ma jkunx jifhem u jitkellem il-lingwa Maltija u d-dritt li persuna tikkomunika mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà.

B. X'inhuma l-istadji ta' investigazzjoni?

i. Fażi ta' ġbir ta' evidenza / Setgħa tal-investigaturi

L-azzjoni kriminali tibda meta l-Pulizija tirċievi rapport, denunzja jew kwerela. Ladarba l-Pulizija tirċievi notifika b'xi waħda minn dawn, tibda l-investigazzjoni tagħha billi tiġbor l-evidenza sabiex jiġi determinat jekk seħħ reat u min għandu jinżamm responsabbli għat-twettiq ta' dak ir-reat.

Sabiex tkun tista' tagħmel dan, il-liġi tagħti l-poter lill-Pulizija illi tobbliga lill-kwalunkwe persuna li jista' jkollha xi tip ta' informazzjoni dwar ir-reat li tkun qed tinvestiga, sabiex jipprovi din l-infomazzjoni. Dan jinkludi l-ġbir ta' evidenza materjali kif ukoll it-teħid ta' verżjonijiet ta' xhieda.

ii. Kustodja tal-pulizija

Ladarba jiġi stabbilit suspett raġonevolli li persuna tkun wettqet reat, il-Pulizija tista' titlob lill-Maġistrat sabiex joħroġ mandat ta' arrest fil-konfront tal-persuna suspettata. Apparti dan, jeżistu ċirkostanzi fejn il-Pulizija tkun tista' tarresta persuna għal skop ta' investigazzjoni mingħajr il-ħtieġa ta' Mandat minn Maġistrat.

Mal-mument li l-persuna suspettata tiġi arrestata, din tiġi mgħarrfa bid-drittijiet tagħha bil-lingwa li tifhem hi, inkluż ir-raġuni tal-arrest, id-dritt li tibqa' siekta u d-dritt li tkellem avukat tal-għażla tagħha, kif ukoll tingħata kopja tal-ittra bid-drittijiet tagħha.

Matul dan il-perjodu il-Pulizija tista' tagħmel perkwiżizzjoni (tfittxiji) fuq il persuna li tkun taħt il-kustodja għal kwalunkwe ħaġa li tista' sservi ta' prova relatata ma' reat, jew jekk ikun hemm suspett li din tista' tkun ta' periklu għaliha nnifisha jew għal ħaddieħor, jew li jista' jkollha xi ħaġa li tista' tuża sabiex taħrab mill-kustodja.

Jistgħu jittieħdu wkoll xi kampjuni minn fuq il-ġisem, kif ukoll il-marki tas-swaba' u tittieħed u tiġi reġistrata d-DNA bil-kunsens xieraq. Madankollu, jekk wieħed jirrifjuta li jagħti l-marki tas-swaba' jista' jkun obligat li jagħmel dan fuq ordni minn Maġistrat. Iżda ma jistax ikun hemm obbligu sabiex jiġi rreġistrat id-DNA.

iii. Interrogatorju:

Il-persuna suspettata tista' tiġi nterrogata mill-Pulizija dwar ir-reat li jkun qed jiġi nvestigat. Matul l-interrogazzjoni, il-Pulizija tista' tistaqsi kull mistoqsija li tgħinna tiġbor informazzjoni, li tkun tista' tinġieb bħala prova, sew kontra kif ukoll favur is-suspettat. Għal waqt l-interrogazzjoni il-persuna suspettata tista' titlob li jkun hemm preżenti avukat tal-għażla tagħha.

iv. Detenzjoni qabel il-proċess

Skont il-liġi ta' Malta, persuna ma tistax tinżamm arrestata aktar minn kemm dan ikun neċessarju u fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn tmienja u erbgħin (48) siegħa. Matul dan il-ħin tal-arrest, il-Pulizija trid tiddetermina jekk hux ser tipproċedi immedjatament billi tressaq lill-persuna suspettata l-quddiem il-Qorti taħt arrest, jew jekk hux ser tirrilaxxa l-persuna, jew għax is-suspett raġonevoli ma jkunx għad jeżisti, jew inkella sabiex tkompli tinvestiga aktar il-każ qabel tiddeċiedi li tmur il-Qorti.

C. X'inhuma d-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni?

i. X'inhu d-dritt tiegħi għal interpretu u għal traduzzjonijiet?

Jekk inti ma titkellimx jew ma tifhimx il-lingwa mitkellma mill-pulizija jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, inti għandek id-dritt għal interpretu, mingħajr ħlas.

L-interpretu jista' jgħinek titkellem mal-avukat tiegħek u għandu jżomm kunfidenzjali l-kontenut ta' dik il-komunikazzjoni.

Inti għandek id-dritt għal traduzzjoni ta' mill-inqas is-siltiet rilevanti tad-dokumenti essenzjali, inklużi kwalunkwe ordni minn Imħallef jew Maġistrat li tippermetti li tiġi arrestat jew li tinżamm f'kustodja, kwalunkwe imputazzjoni jew akkuża u kwalunkwe sentenza. Inti tista' f'ċerti ċirkustanzi tingħata traduzzjoni bil-fomm jew fil-qosor.

ii. X'inhuma d-drittijiet tiegħi għall-informazzjoni u l-aċċess għall-atti tal-proċess?

Meta tiġi arrestat u detentut, inti għandek, jew l-avukat tiegħek għandu, d-dritt ta' aċċess għal dokumenti essenzjali neċessarji għall-kontestazzjoni tal-arrest jew detenzjoni.

Jekk il-każ tiegħek jitressaq il-qorti inti għandek, jew l-avukat tiegħek għandu, id-dritt ta' aċċess għall-provi materjali favur jew kontra tiegħek.

iii. X'inhu d-dritt tiegħi ta' aċċess għal avukat u biex tiġi infurmata parti terza dwar is-sitwazzjoni tiegħi?

Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għal avukat waqt li tkun miżmum f'detenzjoni. Dak id-dritt jibda mill-mument li tkun detenut u qabel ma tiġi interrogat.

Inti għandek id-dritt li tingħata lista ta' avukati u lista ta' prokuraturi legali li minnhom tista' tagħżel wieħed sabiex jassistik jew tagħżel li tkun assistit minn Avukat tal-Għajnuna Legali. Fil-każ tal-aħħar, l-assistenza legali hija mingħajr ħlas.

Il-pulizija ma tistax tindikalek isem ta' avukat li inti tista' tingaġġa waqt l-arrest jew detenzjoni.

Mhux inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni, inti u l-avukat għandkom id-dritt li tkunu infurmati dwar l-allegat reat li għalih inti ser tkun interrogat. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lilek qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema żmien ma jistax ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni.

Malli tibda d-detenzjoni, għandek id-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li qed jirrappreżentak, inkluż qabel ma tinterrogak il-pulizija.

Għandek id-dritt li jkollok l-avukat tiegħek preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv waqt li tkun qed tiġi interrogat.

L-interrogazzjoni kollha, it-tweġibiet kollha li jingħataw u l-proċeduri relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata huma, fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli, irrekordjati b'mezzi awdjoviżwali; inti għandek id-dritt li tingħata kopja tar-recording wara li tkun ġiet konkluża l-interrogazzjoni.

Inti għandek id-dritt li l-avukat tiegħek jattendi għall-atti tal-investigazzjoni jew tal-ġbir ta' evidenza li ġejjin:

1. ringieli ta' persuni suspettati għal finijiet ta' identifikazzjoni;
2. konfrontazzjonijiet;
3. rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.

Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni mal-avukat tiegħek fl-eżerċizzju tat-dritt tiegħek li jkollok aċċess għal avukat tiġi rrispettata.

Malli tiġi arrestat inti għandek tkun infurmat dwar id-dritt tiegħek li tal-inqas persuna waħda, bħal qarib, imgħallem jew kwalunkwe persuna oħra tal-għażla tiegħek tiġi infurmata dwar iċ-ċaħda tal-libertà tiegħek.

F'ċerti każijiet skont il-liġi, id-dritt li tinforma lil persuna oħra bid-detenzjoni tiegħek jista' jkun proviżorjament ristrett.

F'tali każijiet, il-pulizija ser jinfurmawk b'dan.

Jekk inti barrani, tista tinforma lill-pulizija, jekk trid, li l-awtorità konsolari jew l-ambaxxata tiegħek tiġi informata bid-detenzjoni tiegħek.

Tista' tagħżel li tinforma wkoll lill-pulizija jekk trid tikkuntattja uffiċjal tal-awtorità konsolari jew l-ambaxxata tiegħek.

iv. X'inhum id-dritt tiegħi għal għajjnuna legali?

Il-pulizija ser tistaqsik minn liema avukat jew prokuratur legali tixtieq li tkun assistit. Ser tistaqsik ukoll jekk tixtieqx tiġi assistit minn Avukat tal-Għajjnuna Legali. Fil-każ li tagħżel li tiġi assistit minn Avukat tal-Għajjnuna Legali, l-assistenza tingħata mingħajr ħlas.

Matul l-arrest, il-parir legali huwa limitat għal siegħa qabel l-interrogazzjoni. Tista' anke tikseb il-parir fuq it-telefown.

v. X'inhum importanti li wieħed ikun jaf dwar:

a. Preżunzjoni tal-innoċenza

Minnkejja kwalunkwe azzjoni preventiva li tista' tittieħed fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, kull persuna hija meqjusa li hija innoċenti sa meta jkun hemm deċiżjoni finali u li saret definitiva mill-Qorti li tkun qed tisma l-każ dwar id-determinazzjoni finali jekk dik il-persuna wettqitx ir-reat kriminali kkonċernat jew le.

b. Id-dritt li wieħed jibqa' sieket u li wieħed ma jinkriminax ruħu

Meta tiġi interrogat mill-pulizija jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra, int għandek id-dritt li tibqa' sieket u li ma tinkriminax lil innifsek.

L-avukat tiegħek jista' jgħinek tiddeċiedi dwar dan.

c. Piż tal-provi

L-oneru tal-prova għad-determinazzjoni tal-ħtija ta' persuna suspettata jew akkużata jaqa' fuq il-prosekuzzjoni, ħlief f'dawk il-każijiet speċifiċi fejn il-liġi tkun titlob li ċerti fatti partikulari jiġu pruvati minn tali persuna.

Kwalunkwe dubju raġonevoli dwar il-ħtija għandu jkun għall-benefiċċju tal-persuna suspettata jew akkużata, inkluż fejn il-qorti tivvaluta jekk il-persuna akkużata għandhiex tiġi lliberata.

Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tikkontesta l-provi miġjuba kontriha. Jekk il-provi jikkonsistu f'xhieda, tista' tagħmel kontro-eżami lilhom jew iġġib ix-xhieda tagħha sabiex jikkontestaw ix-xhieda tagħhom.

F'każ ta' provi dokumentarji, il-persuna suspettata jew akkużata tista' tagħmel kontro-eżami lix-xhud jew lill-periti (esperti) tal-Qorti li jipprovdihom jew iġġib ix-xhieda tagħha sabiex jikkontestaw dawk il-provi. Madankollu, ma tistax iġġib perizja tiegħek stess. Il-perizja tista' tiġi kkontestata biss permezz ta' kontro-eżami tal-perit tal-Qorti fir-rigward tas-sejbiet jew il-kompetenza tiegħu.

Il-persuna suspettata jew akkużata tista' wkoll ittella' xhieda u tipproduċi provi dokumentarji sabiex isostnu d-difiża tiegħha.

Jekk il-proċess imur quddiem il-Qorti Kriminali, il-liġi tistabbilixxi limitu ta' żmien li jibda minn meta l-persuna akkużata tirċievi l-att ta' akkuża li fih trid tindika x-xhieda u l-provi l-oħrajn kollha li jkun beħsiebha tipproduċi għad-difiża tiegħha fil-proċess. L-ebda restrizzjoni bħal din ma teżisti jekk il-proċess isir quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

vi. X'inhuma s-salvagwardji speċifiċi għat-tfal?

Fejn jidhru minorenni bħala xhieda jew vittmi ta' xi allegat reat, il-prassi kemm tal-pulizija u kemm tal-Qrati huwa li sa fejn hu possibbli, minuri ma jittellgħux il-qorti, imma mhux dejjem possibbli. Fejn tidhru xhieda ta' minorenni, primarjament fil-qrati tintuża sistema ta' video conferencing, fejn jekk il-minuri huwa vittma din tiġi mitkellma mil-maġistrat assistit minn child psychologist f'kamra apposta, anki jekk ġewwa l-bini tal-Qorti u bil-video conferencing, fejn ma jkunx ġo l-istess awla fejn ikun hemm l-akkużat. Legalment il-qrati speċjalment il-Qorti tal-minorenni għandha l-fakultà wkoll li taħtar child advocate (Artikolu 25 tal-Kap 602 u leġislazzjoni sussidjarja 12.20) għad-drittijiet tal-minorenni kemm jekk vittma u kemm jekk akkużat. Dan joħroġ ċar ukoll minn Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta jew aħjar iċ-Child's Act. Dan il-kapitlu jipprovd i wkoll għal post atrezzat barra mill-bini tal-Qorti, imsejjaħ children's house, fejn vittma minuri vulnerabbli tista' tiġi mitkellma, kemm mill-maġistrat u kemm minn grupp ta' esperti m'harrġa msejjaħ child interviewers.

vii. X'inhuma s-salvagwardji speċifiċi għas-suspettati vulnerabbli?

L-ewwelnett jekk kemm minħabba l-kundizzjoni psikofizika tas-suspettat innifsu, kif ukoll in-natura tar-reat tinħass il-ħtieġa, jekk l-arrestat se jinżamm taħt il-kustodja tal-pulizija waqt l-investigazzjoni ġewwa l-lockup, miegħu jkun hemm dik l-imsejja 'constant watch', fejn pulizija jkun fiżikament għassa maċ-ċella tiegħu 24x7 u dan fl-aħjar interess ta' saħħet l-istess arrestat. Bħal fil-każ ta' kull persuna suspettata u arrestata, jekk il-persuna titlob għal kwalunkwe assistenza ta' natura medika, din tingħata minnufih inkluż trasport lejn kliniċi jew l-isptar skont iċ-ċirkostanzi. F'każ li tabib jiddikjara, wara li jkun invista lill-istess suspettat vulnerabbli li dan m'għandux jinżamm ġo ċella, l-uffiċjal investigattiv jiġi infurmat immedjatament u tittieħed azzjoni ta' rimedju f'dan is-sens bħal pereżempju jingħata police bail.

D. X'inhuma l-limiti ta' żmien legali matul l-investigazzjoni?

Il-limiti legali matul investigazzjoni jiddependu primarjament minn natura tar-reat. Kull reat għandu marbut miegħu piena skont il-Kodiċi Kriminali. Pereżempju, il-preskrizzjoni skont Artikolu 688 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti l-parametri standard taż-żmien legali fejn wieħed jista' jinvestiga reat kriminali u li wara dan il-perjodu definit ta' żmien, tidhru il-preskrizzjoni u jieqaf iż-żmien legali li dak ir-reat partikolari jista' jiġi investigat mill-pulizija. Tajjeb ukoll li wieħed isemmi li skont l-Artiklu 692 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk fi kwalunkwe każ kriminali, l-identità tal-allegat aggressur mhix magħrufa u dan mhux minħabba xi nuqqas min-naħa tal-uffiċjal investigatur, il-preskrizzjoni u cioe iż-żmien legali ma jibdiex jiddekorri, pereżempju f'każ ta' omiċidju fejn għandek il-vittma, imma ma hemmx ħjiel ta' min jista' jkun il-qattiel.

E. X'inhuma l-preparazzjonijiet ta' qabel il-proċess, inklużi alternattivi għad-detenzjoni ta' qabel il-proċess u l-possibbiltajiet għat-trasferiment lejn l-Istat ta' oriġini (Ordni Ewropew ta' Superviżjoni)?

Dwar il-preparazzjonijiet li trid tagħmel il-pulizija qabel jibda jinstema' l-każ fil-Qrati, dawn jinkludu:

- it-taħrik tax-xhieda fil-każ.
- jekk il-persuna se titressaq b'ċitazzjoni, l-uffiċjal prosekutur irid jara li ċ-ċitazzjoni bl-akkużi fil-konfront tal-akkużat jitqassmu skont il-liġi.
- sakemm ma jkunx reat li fih jidhri l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali direttament, l-uffiċjal prosekutur għandu jiddiskuti l-każ u speċifikament l-akkużi mal-istess uffiċċju, speċjalment jekk ikun każ ikkumplikat.
- jekk il-persuna se titressaq taħt arrest, l-uffiċjal prosekutur irid jara li jinforma lill-avukat difensur tal-akkużat u l-istess akkużat ikun skortat mill-pulizija lejn il-qorti.

Alternattivi għal detenzjoni ta' qabel il-proċess, għandek meta l-persuna titressaq b'ċitazzjoni jew inkella l-persuna tingħata police bail, sakemm l-uffiċjal investigattiv jikkonkludi l-investigazzjonijiet tiegħu u wara jitressaq b'arrest jew jitressaq xorta b'ċitazzjoni.

Fuq il-possibbiltà għal trasferimenti lejn l-Istat ta' Oriġini dawn huma proċeduri ad hoc li jidhri fihom l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Huma proċeduri japplikaw biss f'każijiet speċifiċi bħal pereżempju talba għal estradizzjoni ta' persuna jew persuna kkundannata b'mod definittiv u li qed tiskonta sentenza ta' ħabs, titlob lill-awtoritajiet kompetenti lokali u anki tal-pajjiż fejn hija tirrisjedi, biex tkun tista' tkompli tiskonta s-sentenza f'pajjiżha.

■ L-aħħar aġġornament: 11/08/2025

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

2 - Id-drittijiet tiegħi matul il-proċess

A. Fejn isir il-proċess?

Il-proċess isir fil-bini tal-qorti il-Belt Valletta. Skont is-serjetà tal-akkużi li tiffaċċja, jinġiebu proċeduri kontra tiegħek quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali jekk ir-reat jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, jew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttoria, jekk ir-reat ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali.

Wara li tintemm l-inkiesta fil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttoria jiġi deċiż jekk ir-reat għandux jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali jew mill-Qorti Kriminali, jiġifieri minn ġurija. F'kull każ, ikun hemm sentenza jew li tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-piena rilevanti jew li teħlisha.

B. L-akkużi jistgħu jiġu modifikati? Jekk iva, x'inhu d-dritt tiegħi għall-informazzjoni f'dan ir-rigward?

Iva l-akkużi jistgħu jiġu modifikati. Jekk jiġri hekk ġeneralment u t-tibdil ikun signifikanti, jerġgħu jinħarġu akkużi ġodda fil-konfront tal-persuna u jerġa' jsir l-eżami mill-ġdid fil-qorti u salv l-eżenzjoni tal-persuna jerġgħu ukoll jittellgħu l-provi mill-ġdid.

C. X'inhuma d-drittijiet tiegħi meta nidher il-qorti?

Id-drittijiet tiegħek meta tidher il-qorti huma li tkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħek u jekk ma jkollox mezzi jitqabbad wieħed tal-għajnuna legali. Tista' wkoll tagħżel li tiddefendi l-każ tiegħek ukoll. Dritt ieħor huwa li int tkun preżunt innoċenti sakemm ma jkunx hemm pronunzjament ta' ħtija mill-Qorti. Għandek id-dritt li tkun assistit minn interpretu u li tagħmel il-kontro eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni kif ukoll l-eżami tax-xhieda tiegħek. Għandek id-dritt ukoll li tagħżel li ma tixhidx fil-proċeduri li jkunu qed jittieħdu kontra tiegħek.

i. Għandi nkun preżenti fil-qorti? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex inkun assenti matul il-kawża tal-qorti?

Iva int għandek tkun preżenti dejjem għas-seduti li jsiru fil-qorti peress li s-sistema tagħna ma tirrikonoxxi

proċessi 'in absentia'. Jekk int tkun indispost milli tattendi minħabba mard jekk inkella minħabba safar jew xi raġuni oħra, int għandek idaħħal rikors il-qorti permezz tal-avukat tiegħek.

ii. X'inhu d-dritt tiegħi għal interpretu u għal dokumenti tradotti?

Jekk il-maġistrat ikun jaf bl-ilsien li bih jittellem xi xhud li jkun qed jixhed fil-proċeduri tiegħek, huwa stess jista' jfisser ix-xieha fl-ilsien li bih id-depożizzjoni tkun qed issir; f'kull każ ieħor, jew b'talba tiegħek, jiġi mqabba interpretu ġuramentat.

iii. Għandi dritt għal avukat?

Matul is-smieġ tal-kawża, wieħed mid-drittijiet tiegħek huwa li tkun assistit minn avukat tal-għażla tiegħek a spejjeż tiegħek; jew dak appuntat mill-qorti bħala avukat tal-għajjnuna legali.

Jekk m'għandekx mezzi finanzjarji sabiex tħallas avukat tal-għażla tiegħek, għandek tagħmel it-talba tiegħek lill-ġudikant li jivverbalizza fl-atti tal-kawża tali talba jew billi tagħmel it-talba tiegħek lill-Aġenzija tal-Għajjnuna Legali Malta u ddaħħal rikors f'ismek sabiex tkun assistit minn avukat tal-għajjnuna legali.

F'kawżi sommarji, wara li l-ġudikant jisma' t-talba tiegħek, jordna li tiġi assistit mill-avukat tal-għajjnuna legali tat-turn tal-ġurnata.

F'kawżi li l-portata tagħhom hija istruttoria u/jew kriminali jekk it-talba għall-avukat tal-għajjnuna legali tista' ssir lill-ġudikant li għandu jibgħat it-talba lill-Aġenzija tal-Għajjnuna Legali u din għandha ddaħħal nota liema avukat ħa jkun jassistik jew billi tirrikorri għand l-Aġenzija tal-Għajjnuna Legali li ddaħħal rikors f'ismek. L-avukat tal-għajjnuna legali ma jistax jinbidel sakemm ma jkunx hemm xi mpediment leġittimu.

iv. Liema drittijiet proċedurali oħra għandi nkun naf bihom? (eż. preżentazzjoni ta' persuni suspettati quddiem il-qorti)

Wieħed għandu dritt isejjaħ ix-xhieda tiegħu biex jagħtu l-evidenza. Kull min hu f'sensieħ jista' jingieħ bħala xhud, jekk ma jkunx hemm xi eċċezzjoni kontra l-kompetenza tiegħu.

Fuq id-Drittijiet tal-Persuni Suspettati u l-Akkuż, wieħed jista' jsib iktar informazzjoni f'Artikoli 534A-534AG ta' [Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta](#). Minbarra, li dak li diġa' ktibna meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.

D. Sentenzi possibbli

Is-sentenzi li tista' tingħata jekk tinstab ħati ta' reat huma:

1. il-priġunerija;
2. ir-reklużjoni;
3. l-interdizzjoni;
4. il-multa.

Jekk tinstab ħati ta' kontravvenzjoni, il-piena li tista' tingħata tkun:

1. id-detenzjoni;
2. l-ammenda;
3. iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

Hemm ukoll sanzjonijiet alternattivi oħra li jistgħu jingħataw bħal: probation, sentenzi sospiżi u ordnijiet fil-komunità.

■ L-aħħar aġġornament: 23/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-

traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

3 - Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess

A. Għandi d-dritt li nappella d-deċiżjoni tal-qorti?

Persuna misjuba ħatja ta' akkuża tista' tappella kontra l-kundanna tagħha fil-każijiet kollha jew kontra s-sentenza mogħtija fuq il-kundanna tagħha sakemm is-sentenza ma tkunx waħda stabbilita bil-liġi. Appell qatt ma jista' jirriżulta f'sentenza ta' severità akbar. Persuna akkużata tista' wkoll tappella kontra verdett ta' ħatja fuq bażi ta' ġenr. F'ċerti każijiet il-Qorti tista' wkoll tordna li l-każ jinstema' mill-ġdid.

B. X'għażliet ta' rikors oħra għandi?

Wieħed jista' jitlob wara kundanna għall-maħfra presidenzjali. Din hija għodda diskrezzjonali qawwija ħafna, regolata mill-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u hi vestita fil-fergħa eżekuttiva tal-Istat, speċifikament fil-President ta' Malta. Maħfra presidenzjali tagħti s-setgħa lill-President, permezz tal-Kabinet, biex jassumi setgħat ordinarjament mogħtija lill-organu ġudizzjarju tal-Istat.

Ġeneralment, maħfra tista' twaqqaf l-effetti ta' kundanna kriminali billi, pereżempju, tordna li prigionier li qed jiskonta sentenza ta' prigionerija jinħeles minnufih mill-ħabs. Il-President jista' wkoll, skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni, jissostitwixxi forma inqas severa ta' piena jew minħabba bidla fil-liġi fejn il-piena relattiva tkun tnaqqset.

C. X'inhuma l-konsegwenzi jekk niġi kkundannat?

Uħud mill-konsegwenzi ta' kundanna kriminali jistgħu jkunu multa jew perjodu ta' prigionerija, telf ta' kondotta nadifa u ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna.

i. Ir-rekord kriminali

Kull kundanna mogħtija mill-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali tiġi reġistrata fil-fedina penali tal-persuna misjuba ħatja ħlief meta:

1. l-kundanna tkun fuq kontravvenzjoni; jew
2. il-persuna ikkundannata misjuba ħatja ta' delitt tkun taħt l-età ta' tmintax-il sena meta dan ikun sar; jew
3. tkun ingħatat dwar dik il-kundanna l-maħfra tal-President ta' Malta;
4. l-ordni jkun magħmul taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation;
5. hija sejbien ta' ħtija ta' persuna mingħajr sejbien ta' ħtija preċedenti li fir-rigward tagħha, piena li tikkonsisti f'multa ta' mhux aktar mitejn euro ġiet imposta u imħallsa.

Ebda kundanna ma tiġi mniżżla wara li jiskadi t-terminu elenkat fit-Tieni Skeda tal-[Ordinanza Dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta \(Kap. 77\)](#) minn meta din tkun ingħatat.

Il-benefiċċju li kundanna ma tiġix irreġistrata, kif imsemmi qabel, ma jingħatax lill-persuni reċidivi fid-delitt ta' serq, jew ta' frodi jew ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċini bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsu Magħha, jew ikunu ġew ikkundannati għad-delitti msemmija fit-Tielet Skeda tal-Ordinanza (bħal delitti kontra s-sigurtà tal-Gvern), spjegur u tteħid ta' ġurament falz jew xi reati li jiksru l-fiduċja pubblika.

ii. Eżekuzzjoni ta' sentenza, trasferiment ta' prigionieri, probation u sanzjonijiet alternattivi

Apparti kundanni ta' prigionerija u/jew multi, jeżistu wkoll alternattivi oħra ta' sanzjonijiet. Dawn huma il-probation, is-sentenza sospiża u l-ordinijiet għal servizz fil-komunità.

Persuna barranija li tkun weħlet piena ta' prigionerija hawn Malta tkun tista', taħt ċertu konduzzjonijiet, tiskonta s-sentenza tagħha fil-pajjiż tar-residenza tagħha kemm taħt il-[Konvenzjoni Ewropeja Dwar it-Trasferiment ta'](#)

Persuni Sentenzjati (ETS No 112) jew inkella taħt id-[Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill \(UE\) 2008/909/ĠAI](#) skont il-każ.

■ L-aħħar aġġornament: 23/03/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.